



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-13 ta' Novembru 2018

### Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija: rispons rapidu f'ċirkostanzi diffiċli, iżda jeħtieġ li jsir titjib biex jinkiseb valur aħjar għall-flus, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, li tappoġġa lir-refuġjati u lill-komunitajiet Torok li jospitawhom, ipprovdiet rispons rapidu għall-kriżi f'ċirkostanzi diffiċli. L-awdituri jgħidu li l-proġetti umanitarji għenu lir-refuġjati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom, iżda mhux dejjem wasslu l-valur għall-flus mistenni.

Minħabba ż-żieda fil-flussi migratorji, prinċipalment kawża tal-kunflitt fis-Sirja, it-Turkija tospita l-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fid-dinja: kważi 4 miljun persuna. Dan jinkludi madwar 3.5 miljun Sirjan, li minnhom madwar 94 % qed jgħixu barra mill-kampijiet ta' refuġjati. Il-Faċilità tappoġġa kemm l-assistenza umanitarja kif ukoll l-assistenza mhux umanitarja, b'finanzjament totali ta' EUR 6 biljun mill-UE u mill-Istati Membri.

L-awdituri ffukaw fuq il-ġestjoni tal-ewwel segment ta' finanzjament mill-Faċilità (EUR 3 biljun) u fuq ir-riżultati li nkisbu sa issa taħt il-komponent umanitarju tagħha. Huma sabu li, f'kuntest diffikultuż, il-Faċilità kienet immobilizzat fondi fi żmien qasir biex tipprovdri rispons rapidu. Minkejja dan, hija ma laħqitx għalkollox l-oġettiv tagħha li tikkoordina dan ir-rispons b'mod effettiv.

Il-proġetti umanitarji kollha li ġew awditjati pprovdew appoġġ utli lir-refuġjati, prinċipalment permezz ta' assistenza fi flus kontanti, u l-biċċa l-kbira minnhom kisbu l-outputs intenzjonati tagħhom. Madankollu, nofshom għadhom ma kisbux l-eżiti mistennija, u 9 minn 10 kellhom jiġu estiżi. L-ambjent operazzjonali diffikultuż xekkel l-implimentazzjoni f'waqtha mill-NGOs.

*"Il-Faċilità laħqet l-oġettiv tagħha li timmobilizza EUR 3 biljun f'sentejn," qalet Bettina Jakobsen, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Iżda hemm lok biex tiżdied l-effiċjenza tal-proġetti umanitarji, u b'mod partikolari, tal-proġetti ta' assistenza fi flus kontanti. Il-Faċilità għadha tista' tikseb aktar valur għall-flus."*

L-awdituri jgħidu li l-Kummissjoni Ewropea użat valutazzjoni komprensiva biex tidentifika l-ħtiġijiet ta' prijorità tar-refuġjati. Madankollu, in-nuqqas ta' qbil mat-Turkija dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

@EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

ħtiġijiet fir-rigward ta' infrastruttura municijali u appoġġ soċjoekonomiku, fisser li dawn l-oqsma ma kinux koperti biżżejjed.

Il-Faċilità appoġġat tip simili ta' attivitajiet fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni permezz ta' strumenti differenti. Dan għamel il-koordinazzjoni aktar kumplessa u rriżulta fl-użu b'mod parallel ta' strutturi ta' ġestjoni differenti għall-finanzjament ta' proġetti simili. Fis-settur tas-saħħa, kien hemm eżempji tajbin fejn il-Kummissjoni appoġġat it-tranżizzjoni minn assistenza umanitarja għal assistenza għall-iżvilupp aktar fit-tul, iżda din ma saritx b'mod sistematiku.

L-awdituri sabu li kien hemm ukoll lok għal titjib fl-effiċjenza tal-proġetti umanitarji: il-Kummissjoni ma vvalutatx ir-raġonevolezza tal-ispejjeż ibbaġitjati b'mod konsistenti u komprensiv; l-ispejjeż indiretti li tħallsu lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ta' proġetti kbar ta' assistenza fi flus kontanti kienu għoljin, u l-pagamenti bil-quddiem ma kinux allinjati mal-ħruġ reali ta' flus.

Il-Kummissjoni stabbiliet miżuri xierqa biex timmonitorja l-proġetti umanitarji. Il-limitazzjoni prinċipali kienet ir-rifjut, mill-awtoritajiet Torok, li jingħata aċċess għad-*data* dwar il-benefiċjarji għaż-żewġ proġetti ta' assistenza fi flus kontanti. La l-Kummissjoni u lanqas il-QEA ma setgħu jittraċċaw il-benefiċjarji tal-proġetti mir-reġistrazzjoni sal-pagament.

L-awdituri jirrakkomandaw li, fil-futur, il-Kummissjoni Ewropea:

- tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tar-refuġjati f' dak li jirrigwarda infrastruttura municijali u appoġġ soċjoekonomiku;
- ittejjeb ir-razzjonalizzazzjoni u l-komplementarjetà tal-assistenza;
- timplimenta strateġija għat-tranżizzjoni minn assistenza umanitarja għal assistenza għall-iżvilupp;
- ittejjeb l-effiċjenza ta' proġetti ta' assistenza fi flus kontanti;
- flimkien mal-awtoritajiet Torok, tindirizza l-ħtieġa li jsir titjib fl-ambjent operazzjonali għall-NGOs;
- tintensifika l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.

## Noti lill-Edituri

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, it-Turkija hija pajjiż kemm ta' akkoljenza kif ukoll ta' tranżitu għal ħafna refuġjati. Minn meta beda l-kunflitt fis-Sirja, hija pprovdiet appoġġ sinifikanti u kontinwat lir-refuġjati.

It-Turkija u l-UE ilhom marbuta flimkien mill-1963 permezz ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni. F'Diċembru 1999, il-Kunsill Ewropew ta' lit-Turkija l-istatus ta' pajjiż kandidat biex isir membru tal-UE u fl-2005 nfetħu n-negożjati tal-adeżjoni. B'allokazzjoni ta' aktar minn EUR 9 biljun għall-perjodu 2007-2020, it-Turkija hija definittivament l-akbar benefiċjarju tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, li l-UE tuża biex tħeji lil pajjiżi kandidati għas-sħubija mal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 27/2018 “Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija: appoġġ utli, iżda jeħtieġ li jsir titjib biex jinkiseb aktar valur għall-flus” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.